# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Matthew Spagnol]**

**vs**

**Daniel Raymond Vassallo**

**Kumpilazzjoni Numru: 333/19**

**Illum, 30 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Raymond Vassallo detentur tal-karta tal-identita` numru 396493M akkuzat talli bejn l-ewwel ta' Gunju elfejn u dsatax (01/06/2019) u t-tnejn ta' Gunju elfejn u dsatax (02/06/2019) f'hinijiet diversi gewwa l-Gzejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' missieru Raymond Vassallo f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi huma ta' natura hafifa.
   Artikolu 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' ommu Hazel Anne Vassallo f'periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi huma ta' natura hafifa.
   Artikolu 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg ohra u cioe' vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni BLY 102 ghad-dannu Auto Rentals Co Ltd u/jew persuna ohra u/jew entita ohra
   (Art. 328(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, cioe lil PS 850 Steven-Ryan Micallef u lill-PS 430 Andrew St. John, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi flesekuzzjoni ta' dak is-servizz
(Art. 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Raymond u Hazel Anne Vassallo, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti giet mitluba titratta dan il-kas bhala wiehed ta' vjolenza domestika skond il-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h), 328(d), 95, 412C u 581 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi gew rinunzjati u ghalhekk qed tiddikjara procediment ezawrit u stante li r-raba' (4) akkuza giet ammessa u wara li semghet ir-rakkommandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation u wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna li l-imputat Daniel Raymond Vassallo jitqieghed taht Ordni ta' Trattament ghal sena u kif ukoll liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

\------------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**